MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 994/2002

**Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali.**

**-vs-**

**George Bonnici.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Settembru, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi fl-20 ta' Mejju 1993 l-attur ircieva applikazzjoni minghand konvenut ghall-ghajnuna socali ghal disimpjieg (Dok A), liema ghajnuna bdiet tinghatalu mit-22 ta' Méjju 1993;

Illi permezz tal-istess applikazzjoni il-konvenut obbliga ruhu li

jinforma lid-Dipartiment b'kull tibdil fic-cirkostanzi kif dikjarati minnu dik il-formola;

Illi sussegwentement irrizulta li fil-15 ta' Gunju 1993 mart il-konvenut bdiet tahdem bi qliegh u 1-konvenut naqas illi jinforma b'dan lid-Dipartiment (Dok B);

Illi per konsegwenza il-konvenut ircieva s-somma ta' erbat elef mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm4127.99,0) indebitament bhala ghajnuna socjali ghal disimpjieg ghall-perjodu bejn id-19 ta' Gunju 1993 u t-22 t'Awissu 1997 (Dok C);

Ukoll illi fil-5 ta' April 1995 1-attur ircieva applikazzjoni ohra minghand il-konvenut George Bonnici ghall-Pensjoni Mhux Kontributorja (Dok D), liema pensjoni bdiet tinhareg lilu mid-29 ta' Gunju 1996;

Illi sussegwentement 1-attur irrizultalu illi mart il-konvenut kienet ilha tahdem bi qliegh sa mill-15 ta' Gunju 1993;

Illi 1-istess konvenut kien naqas li jaghti din 1-informazzjoni fl-app1ikazzjoni ghall-pensjoni mhux kontributorja;

Illi konsegwentement l-istess konvenut ireieva s-somma ta' elf mitejn u erbgha u tmenin lira Maltin u tnejn u sittin eentezmu (Lm1284.62,0) indebitament bhaia Pensjoni mhux kontributorja ghall-perjodu bejn id-29 ta' Gunju 1996 u 1-15 t'Awissu 1997 (Dok E);

Illi minkejja li 1-konvenut gie nterpellat sabiex jirrifondi dan 1-ammont huwa baqa' inadempjenti;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut ircieva s-somma

ta' erbat elef mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm4127.99,0) indebitainent bhala ghajnuna socjali ghal disimpjieg ghall-perjodu bejn id-19 ta' Gunju 1993 u t-22 t'Awissu 1997;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi konvenut ircieva s-somma ta' elf mitejn u erbgha u tmenin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1284.62,0) indebitament bhala Pensjoni Mhux Kontributorja ghall-perjodu bejn id-29 ta' Gunju 1996 u 1-15 t'Awissu 1997;

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attur is-somma totali ta' hamest elef erba' mija u tnax il-lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm5412.61,0).

B1-imghax legali u bl-ispejjez inkuzi dawk tat-28 ta' Lulju 1998 u tas-17 ta' Dicembru 1999 kontra 1-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa minn Edward Gatt u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fil-15 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti jecepixxi li t-talbiet attrici huma llum preskritta ai termini tal-artikolu 1027 tal-Kodici Civili (Kap. 16) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti qatt ma rcieva l-ebda flejjes indebitament, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher car mic-citazzjoni l-attur qed jitlob rifuzjoni ghall-hlas li kien ghamel lill-konvenut bhala ghajnuna socjali li fil-fatt l-istess konvenut ma kienx intitolat ghaliha ghaliex huwa naqas li jinforma lid-Dipartiment koncernat li martu kienet impjegat ruhha.

Il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1027 tal-Kap. 16 li jghid li l-azzjoni biex wiehed jitlob lura hlas mhux dovut hija preskritta bit-terminu tas-sentejn.

Huwa minnu li l-azzjoni ghal hlas tal-*indebitum* hija preskritta bit-terminu ta' sentejn skond dan l-artikolu, izda kif irrimarka sew l-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, l-Artikolu 2115 (2) jghid li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tinghata kontra l-Gvern hlief fl-Artikoli 2149, 2153, 2154 u 2155 tal-Kap. 16. Dawn l-artikoli jirreferu ghal hlas ta' spejjes gudizzjarji (indikati fl-Artikolu 2149), azzjonijiet ghal danni rizultanti minn reat u biex wiehed jiehu lura oggetti misruqa u ghall-hlas ta' pagamenti ta' cnus, kirjiet u hlasjiet simili. Ghalhekk l-Artikolu 2115 (2) jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 1027 ghaliex kif gew indikati l-artikoli imsemmija, kien jigi indikat dak imsemmi u ghalhekk *ubi voluit lex dixit.* Ghalhekk il-Qorti taqbel ma' dak li osserva l-attur fin-nota tieghu li din l-eccezzjoni ma tistax tigi ntavolata kontra tieghu u ghalhekk qed tigi michuda.

Fir-rigward tal-mertu, il-kawza ma tipprezenta ebda diffikolta’. Il-konvenut kien qed jippercepixxi l-pensjonijiet indikati fic-citazzjoni u kien intitolat ghalihom abbazi tal-informazzjoni li

kien ta lill-attur. Kien ghalhekk obligat li jinformah b’tibdil fid-dhul tieghu u ta’ martu u ma ghamilx dan meta martu mpjegat ruhha, *ex admissis,* ghaliex ma setghux jghaddu bil-pensjoni li kienu qed jircievu. Fil-waqt li wiehed jissimpatizza mal-konvenut minhabba l-kondizzjoni medika tieghu, dan ma jbiddilx il-fatt illi huwa kien qed jircievi hlas li allura ma kienx dovut lilu.

L-attur irriduca t-talba ghal hamest elf, mija u tmienja u tletin Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm5138.41) *stante* li fil-mori tal-kawza kien thallas is-somma ta’ mitejn u erbgha u sebghin Lira Maltin u ghoxrin centemzu (Lm274.20) billi naqqas minn hlas li kellu jsir lill-mart il-konvenut ghal pensjoni illi mbaghad kienet dovuta minnha.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet kollha tal-attur u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hamest elef, mija u tmienja u tletin Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm5138.41) bl-imghaxijiet legali min-notifika tac-citazzjoni.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------